

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*

- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 372, 20.10.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2015 – EEB vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-565/14) (¹)

[“Ambjent — Regolament (KE) Nru^o1367/2006 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar in-notifika mill-Polonja ta' pjan nazzjonali tranżittorju, kif deskritt fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali — Rifjut ta' eżami mill-ġdid intern — Miżura ta' portata individwali — Konvenzjoni ta' Aarhus — Terminu ta' rikors — Tardività — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”]

(2015/C 381/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: European Environmental Bureau (EEB) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Podskalská, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Pignataro-Nolin, S. Petrova u G. Wilms, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 804 finali, tas-17 ta' Frar 2014, dwar in-notifika mir-Repubblika tal-Polonja ta' pjan nazzjonali tranżittorju, hekk kif deskritt fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE, dwar l-emissjonijiet industrijali, u, min-naħa l-oħra, talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares (2014) 1915757, tat-12 ta' Ġunju 2014, li tiċħad bħala inammissibbli t-talba tar-rikorrent intiża sabiex il-Kummissjoni teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Frar 2014.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

- 2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tar-Repubblika tal-Polonja.*

- 3) *European Environmental Bureau (EEB) għandu jbatu l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*
- 4) *EEB, il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu kull wieħed, l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.*

⁽¹⁾ ĠU C 395, 10.11.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2015 – VSM Geneesmiddelen vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-578/14) ⁽¹⁾

[“Rikors għal nuqqas li ttieħed azzjoni u għal annullament — Protezzjoni tal-konsumaturi — Indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq l-ikel — Regolament (KE) Nru 1924/2006 — Sustanzi botaniċi — Terminu għall-preżentata ta’ rikors — Nuqqas ta’ interess ġuridiku — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”]

(2015/C 381/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: VSM Geneesmiddelen BV (Alkmaar, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: U. Grundmann, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Enegren, sussegwentement M. Wilderspin u S. Grünheid, aġenti)

Suġġett

Talba li jiġi kkonstatat in-nuqqas li ttieħed azzjoni mill-Kummissjoni sa fejn illegalment astjeniet milli tordna lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) sabiex tevalwa l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa dwar is-sustanzi botaniċi bħala kundizzjoni minn qabel għall-adozzjoni tal-lista definittiva ta’ indikazzjonijiet awtorizzati konformement mal-Artikolu 13 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9), u, susidjarjament, talba għal annullament tad-deċiżjoni, li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Ġunju 2014, li tirrifjuta li tordna lill-EFSA l-evalwazzjoni tal-imsemmija indikazzjonijiet.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *VSM Geneesmiddelen BV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 339, 29.9.2014.